

**P7\_TA(2010)0472**

**Ftehim UE-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni \*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (15507/2010 – C7-0392/2010 – 2010/0108(NLE))**

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (15507/2010),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (14654/2010),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 79(3) kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0392/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0346/2010),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ġeorġja.